MCCAA
MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

Mizzi House National Road , Blata-l-Bajda, Hamrun HMR9010
Tel: +356 2395 2000 Fax: +356 21 242 406
VAT Reg No: MT 2039 0516

**12 ta' April, 2017**

**AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) FI ĦDAN L-AWTORITÀ' TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qiegħda tidentifikà u tgħarraf lill-pubbliku li:

**Is- Sur Franz Camilleri, detentur tal-karta tal-identita` numru 472061(M)**

ma onorax id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal- Konsumaturi.

Il-konsumatriċi qabbdet lill-bejjiegħ biex jagħmel xogħlijiet fuq il-gallarija tagħha stil Malti tal-injam, li għalihom kienet ħallset €450, liema xogħlijiet però qatt ma saru.

Il-bejjiegħ la qatt bagħat risposta għat-talba tal-konsumatriċi u l-anqas attenda għas-seduti tat-Tribunal. Fid-dawl ta' dan, it-Tribunal ordnalu jrodd lura lill-konsumatriċi l-imsemmija €450 minbarra li jħallas l-ispejjeż tal-proċeduri.

Josephine Borg

Direttur Ġenerali (Affarjiet tal-Konsumatur)